

KITBA TA'

ALEXANDER BONNICI OFM Conv.

### F'għeluq il-mitt sena mill-mewt tiegħu fl-1906

# DUN SALV GAFFIERO IL-KAPPILLAN TAL-FLORIANA LI SAR ARĊIPRIET U MBAGĦAD MONSINJUR, U ISQOF AWŻILJARJU TA' MALTA



L-Isqof Salvatore Gaffiero

Mitt sena ilu, nhar l-Immakulata ta' l-1906, il-Mulej sejjaħ għal għandu lill-Isqof Salvatore Gaffiero. Il-Floriana kellha rabtiet ma' Isqfijiet oħrajn għax ġew mgħammdin f'din il-parroċċa. Qed ngħid hawn għall-Benedittin Arċisqof-Isqof ta' Malta Dom Mawru Caruana li twieled fil-Floriana u tgħammed f'din il-parroċċa ta' San Publju fis-16 ta' Novembru 1867. F'din il-parroċċa, twieled ukoll fil-21 ta' Mejju 1892 Ġużeppi, li kellu jkun l-Isqof Kapuċċin ta' l-Indja Franġisku Saverju Fenech. Madankollu, l-Isqof li sejjer nikteb dwaru, għalkemm ma twelidx fil-Floriana, ir-rabta tiegħu ma' din il-parroċċa kienet iżjed kbira minn ta' l-Isqfijiet li twieldu fiha. Ma rridx insejjaħlu "ir-Ragħaj tal-Parroċċa l-iżjed importanti", imma, f'għajnejn il-Maltin, żgur li hu l-Arċipriet li ma jistħoqqlux li jintesa. Wara l-mewt tal-Kappillan Vidal, tħabbar fi Frar tas-sena 1868 l-avviż għall-konkors biex jiġi magħżul it-tielet kappillan għall-parroċċa tal-Floriana. Kien għadu żmien l-episkopat ta' l-Agostinjan Gaetano Pace Forno (1857-1874). Daħlu għall-konkors tliet qassisin: i) Dun Ġwann Micallef: minn Ħal Għargħur, ta' 30 sena, bid-dottorat fit-Teoloġija, ii) Dun Ġużepp Ruġġier Trapani, ta' 25 sena, mill-Belt u iii) Dun Salv Gaffiero: ta' 40 sena mill-Isla, Kappillan ta' Ħal Għargħur. Kien applika magħhom Dun Mikiel Abela, ta' 55 sena, Kappillan ta' Ħal Għaxaq. Imma dan irrinunzja għax marad qabel il-ġurnata tal-konkors. [1] It-tlieta kellhom il-kwalitajiet meħtieġa biex imexxu parroċċa; imma xi differenza bejniethom kien hemm. Fl-eżami tal-konkors, Gaffiero kiseb 123 punt, Trapani 116, u Micallef 105. [2] L-Isqof, fit-18 ta' Frar 1868, waqt li ddikjara li kien kuntent bit-tlieta li resqu, għażel lill-aħjar fosthom, li kien Dun Salv Gaffiero, bħala t-tielet Kappillan tal-parroċċa tal-Floriana. [3]

### IL-MERTI FIL-FEHMA TIEGĦU NNIFSU

Dun Salv Gaffiero kien twieled fl-Isla fit-8 ta' Marzu 1828 minn Salvu u Kunċett (imwielda Cachia). L-għada hu ġie mgħammed fil-Kolleġġjata ta' l-Isla mill-Viċi-Parrokku Dun Fortunat Costù. [4] Ġiet amministrata lilu l-Griżma ta' l-Isqof fit-18 ta' Novembru 1836. [5] Tagħrif dwar il-merti tiegħu neħduh l-iżjed minn dak li ddikjara hu nnifsu meta resaq għall-konkors biex jilħaq Kappillan tal-Għargħur, u mbagħad tal-Floriana. Fl-1868, Gafiero kien ilu jservi l-knisja tul l-aħħar 32 sena. Sa minn tfulitu, hu beda jagħti servizz fil-Kolleġġjata ta' l-Isla bħala abbati. [6] Fl-1839, miet ħuh li kien il-kjerku Ġużeppi Gaffiero; dan ma kellux ħlief 18-il sena. Il-kanonikat ta' ħuh kien twaqqaf mill-antenati tal-familja tiegħu fil-kolleġġjata ta' l-isla. Għalhekk, wara każa fil-Qorti Ekkleżjastika, ġie ddikjarat li l-kanonikat kien imiss lil Salvu. Ma kellux ħlief tnax-il sena meta ħa l-pussess ta' kanonku. Kienu żmenijiet oħra. [7] Kien jassisti regolarment kemm għall-Uffiċċju Divin fil-Kor kif

ukoll għal-laqgħat tal-Kaptilu. [8] Kien jikkumpanja regolarment il-Vjatku fit-tqarbin tal-morda, b'mod speċjali, fl-1837, fi żmien il-flaġell tal-kolera asjatika. [9] Mis-sena 1850, kif kiteb hu nnifsu, ġie inkarigat mill-Isqof Publju Sant u mill-Kumitat tal-karità biex iqassam għajnuniet lill-foqra. Hu beda jgħallem id-duttrina lit-tfal minn mindu libes is-suttana. Malli fl-1849, ġie ordnat suddjaknu, hu ġie nnominat, b'digriet ta' l-Isqof Sant bħala Viċi-Rettur għat-tagħlim tad-Duttrina. [10] Tela' t-taraġ ta' l-altar u ġie kkonsagrat saċerdot fl-20 ta' Diċembru 1851, fil-Kon Katidral ta' San Ġwann il-Belt. [11] Hu malajr ġie approvat biex jisma' l-qrar ta' l-irġiel u, ftit wara, fl-1852, tan-nisa wkoll. Hu kien jagħti servizz fit-tul biex jamministra s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni. Kien jgħaddi sigħat shaħ u, sakemm iż-żmien kien jippermettilu, kien iqarar għal ġranet sħaħ. Il-parroċċa ta' l-Isla gawdietu biss fl-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu. Kien qassis ħabbrieki u għaref. Hu ppriedka ma' Malta kollha, u niseġ il-paniġierku tal-festi titulari kważi kollha. Niseġ ukoll il-paniġierku ta' San Pawl tal-Belt, li tqies wieħed mill-iżjed importanti. [12]

### IL-PREDIKAZZJONI TLAQQGĦU MAL-FLORIANA

Gaffiero, għalkemm saċerdot żagħżugħ, ippriedka l-kwareżimal f'bosta parroċċi. Fis-sena 1855, ippridkah il-Birgu, u sena wara f'Bormla. Il-Kappillan Vidal, tal-Floriana, fl-1858, stiednu għall-kwareżimal fil-parroċċa ta' San Publju. Kien l-ewwel kuntatt fit-tul ta' Gaffiero ma' l-insara tal-Floriana. Baqa' jiġi mistieden kullimkien. Is-sorijiet bdew jixtiequ jisimgħuh huma wkoll fil-monasteri u l-kunventi tagħhom. L-Isqof beda jagħżlu wkoll bħala konfessur tas-sorijiet. Hu qal li ppriedka l-eżerċizzi għal iżjed minn ħamsin darba. [13]

Għal tliet snin, Gaffiero kien il-viċi ta' l-Isla. Hu daħal ukoll fost l-Oratorjani ta' San Filippu ta' l-Isla. Għal darbtejn (1855-58, 1862-65), hu kien il-Prepostu tagħhom. [14] Fl-1865, hu laħaq Kappillan ta' Ħal Għargħur. Fi żmien ta' mard u ta' kriżijiet partikulari, Gaffiero impressjona fl-imħabba li wera lejn il-morda u l-familji tagħhom. Hu, mhux biss ħadem b'ħeġġa fost il-morda, imma saħansitra rrinunzja għas-salarju li ħariġlu l-Gvern. [15] Fi żmien il-flaġell tal-kolera ta' l-1865, kif inkiteb dwaru, hu ssogra ħajtu u dik ta' x'uħud minn niesu. Minkejja li ġie li kien hemm imxija li beżżgħet lil kulħadd, hu ħadem bla mistrieħ. Hu assista lill-milqutin anki meta kienu fl-aħħar ta' ħajjithom u b'marda li tittieħed fuqhom. Saru stqarrijiet ta' tifħir dwar Gaffiero kemm min-naħa ta' tabib tal-Gvern, kif ukoll min-naħa tal-kleru u tal-poplu tal-parroċċa fdata f'idejh. Hu kollu minnu dak li kiteb hu nnifsu: "Qed immexxi dik il-parroċċa, mhux biss b'sodisfazzjon tan-nies kollha tal-post, imma wkoll ta' l-Isqof". [16]

**"22 TA' FRAR 1868 IL-PUSSESS TAL-KAPPILLAN SALV GAFFIERO"**

### 1868: IL-ĠID LI ĦAREĠ MINN GAFFIERO : RAGĦAJ U GĦALLIEM

Ma kienet ta' sorpriża għal ħadd, lanqas għal dawk li kkonkorrew miegħu, meta l-Arċisqof Gaetano Pace Forno, waqt li faħħar lit-tliet konkorrenti għall-parroċċa tal-Floriana, għażel fosthom lil Dun Salv Gaffiero. Fit-18 ta' Frar 1868 l-Arċisqof kitiblu u qallu: "Lilek nagħtuk f'idejk.... dik il-knisja parrokkjali tal-Floriana bid-drittijiet kollha li din in-nomina ġġib magħha. Ħu f'idejk kulma hu tal-parroċċa.... Int tmexxi l-parroċċa f'kollox f'ismi". [17] B'hekk, Gaffiero beda t-tmexxija tat-tieni parroċċa tiegħu. Din tal-Floriana ma kenitx qadima daqs ta' Ħal Għargħur imma importanti iżjed minnha. Erbat ijiem biss wara, fit-22 ta' Frar, Gaffiero ġie mogħti l-pussess tal-parroċċa. L-Arċisqof bagħat f'ismu lil Mons. Vinċenz-Pawlu Pace, li kien il-Vigarju Ġenerali, għaċ-ċerimonja tal-pussess tal-parroċċa ta' San Publju. Kellu bħala xhieda żewġ qassisin mill-Floriana li kienu Dun Marċell Cefai u Dun Filippu Grech. [18] F'anqas minn ġimgħa, fit-28 ta' Frar, Gaffiero, fil-Kurja ta' l-Arċisqof, ħa l-ġurament li kien josserva kulma hu mistenni mill-Kappillani. Dik id-darba, ix-xhieda kienu Dun Franġisk Caruana Tabone u Dun Pietru Pawl Borg. [19]

Gaffiero ntafa' malajr fuq il-ħidma pastorali tiegħu. Hu kien diġà magħruf hafna meta ntbagħat il-Floriana. Għammed għall-ewwel darba fl-1 ta' Marzu 1868. [20] Fl-ewwel żmien, dan il-Kappillan baqa' jżomm lil Dun Manwel Borg biex jgħinu bħala Viċi. Imbagħad, daħal Viċi ieħor li kien Dun Filipp Grech. Fil-Floriana, il-kleru kien numeruż. Il-Kappillan Gaffiero kien jaf imur mal-qassisin. Ġie li kien jistedinhom fil-kanonika għall-ikel. Kellu isem tajjeb għax kien saċerdot li jagħti ħafna karità. Kien saħansitra jirrinunzja għal xi drittijiet li kellu bħala kappillan ta' dix-xorta ma jistax ma jinħabbx. [21]

Diġà tfakkar dwar kemm Gaffiero kellu t-tagħlim tal-katekiżmu għal qalbu sa minn meta xidd fuqu s-suttana ta' seminarista. Meta hu beda l-parrokat tiegħu fil-Floriana, Gaffiero sab li Dun Kalċidon Vidal kien imexxi istitut għat-tagħlim tad-duttrina għas-subien fil-knisja ta' Sarria. Gaffiero malajr intebaħ kemm kien qed joħroġ ġid. Għalhekk, hu ħadem biex fil-parroċċa dak il-ġid jikber billi fetaħ istitut ieħor għall-bniet. Lil dawk it-tfal, hu beda jlaqqagħhom fl-oratorju ta' San Publju. L-inawgurazzjoni tiegħu saret il-Ħadd, 22 ta' Marzu 1868. Ma kienx għadda ħlief xahar mill-ġuranta tal-pussess tiegħu. Il-Kappillan mexxa b'enerġija u ħila dan l-istitut b'mod li, sas-sena ta' wara, il-ġid li ħareġ minnu kien aktar milli wieħed kien jistenna. [22]

**1868 : IL-FRATELLANZA TA' SAN ĠUŻEPP**

Il-Kappillan Gaffiero sab żewġ fratellanzi fil-parroċċa. Huma t-tnejn tal-lum: ta' San Publju (mill-1833) u tar-Rużarju (mill-1859). Imma, fi żmienu, daħlet it-tielet fratellanza. Fit-30 ta' Novembru 1868, għadd ta' rġiel, fosthom Mons. Ġużeppi Caruana Dingli, ippreżentaw rikors fil-Kurja ta' l-Isqof biex titwaqqaf Fratellanza f'ġieħ San Ġużepp fil-parroċċa. Talbu wkoll li l-istatuti jsiru mill-Kappillan li kien Dun Salv Gaffiero, wara li ra r-rikors, permezz ta'digriet tal-5 ta' Diċembru, 1868, ordna lill-Kurja tagħmel rapport fuq din it-talba, wara li tinstama' l-fehma tal-Kappillan dwar l-istatuti. Fit-12 ta' Diċembru 1868, il-Kappillan stqarr li l-fratellanza, jekk issir, setgħet tkun ta' vantaġġ għall-knisja ta' San Publju. Gaffiero ssuġġerixxa li dawn ta' San Ġużepp jilbsu konfratija bajda b'kurdun ċelesti ta' l-istess kulur ta' l-istandard. U, minflok muzzetta, kellhom jilbsu midalja tal-ħarir bix-xbieha ta' San Ġużepp. Imbagħad, sar rapport min-naħa tal-Kurja, li sar mill-Vigarju Ġenerali Mons. Karmenu Scicluna u mill-Assessur F. Pullicino, u kien favorevoli. L-approvazzjoni ġiet mogħtija billi l-Arċisqof Pace Forno ħareġ id-digriet ta' l-erezzjoni fil-21 ta' Diċembru 1868. [23]



**Arma li kienet tintuża fit-tiżjin tat-toroq**



**Il-midaljun tal-Konfraternità ta' San Ġużepp**

Tliet xhur wara, il-Ħadd, 4 ta' April 1869, Mons. Scicluna, il-vigarju Ġenerali, mexxa l-vestizzjoni ta' l-ewwel fratelli. [24]

Fil-fatt, fil-knisja parrokkjali, sa minn żmien l-erezzjoni tal-parroċċa, kien hemm l-altar f'ġieħ San Ġużepp. L-altar kien se jsalva mill-qerda li kienet se ġġib magħha l-gwerra. Ġużeppi They, żmien iżjed tard, pitter il-kwadru ta' San Ġużepp għal dak l-altar. Ventaltar għalih kien se jiżżanżan fl-1906. Ċensu Decandia kien se jaħdem statwa ta' San Ġużepp. Fil-knisja parrokkjali kien hemm għal xi żmien il-partit ta' San Ġużepp, magħruf bħala *tal-Ġużeppini*. B'rabta ma' San Ġużepp, ma nħolqux piki parrokkjali; imma xi biżà kien hemm. Għalhekk, l-Arċipriet Mallia, kien se jxolji dak il-partit. [25]

Il-Markiż Vinċenzo Bugeja, benefattur kbir ta' Malta, ta' għotja ta' flus lill-knejjes parrokkjali kollha. B'dak li ġie mogħti lill-Floriana, sar l-irħam ta' l-altar ta' San Ġużepp, Imma l-fratellanza ta' San Ġużepp ma pperseveratx. Meta twaqqfet, kellha l-istandard tagħha. Meta l-istandard ma kienx se jintuża iżjed, parti mil-lasta ta' dak l-istandard bdiet tintuża għas-salib tal-kleru ta' kuljum. [26]

**1869 : PARROĊĊA ARĊIPRETALI**

Gaffiero, fl-10 ta' Ottubru 1869, jidher għall-aħħar darba bit-titlu ta' Kappillan. [27] Fil-fatt, Dun Salv Gaffiero ferraħ lin-nies tal-Floriana għal dak li hu kisbilhom fl-aħħar ta' l-1869. Fix-xahar ta' Diċembru 1869, hu kiseb titlu ta' ġieħ għall-parroċċa tal-Floriana. Fir-reġistri parrokkjali, nibdew naraw li Gaffiero jsejjaħ lilu nnifsu bħala Arċipriet għall-ewwel darba fil-magħmudija li hu amminsitra fis-16 ta' Diċembru 1869. [28] It-titlu onorifiku tħabbar malajr f'gazzetta lokali. Naqraw: "L-Arċisqof Mons. Fra G. Pace Forno kien jinstab Ruma meta l-Kappillan tal-Floriana, Dun Salv Gaffiero, kien hemm ukoll. Hu talab lil Mons. Arċisqof biex jinterċedi mal-Kongregazzjoni ħalli tgħolli lill-parroċċa tal-Floriana f'Arċipretali b'konsegwenza li l-kappillani jissejħu Arċiprieti, u dan jibda minn dak preżenti. Mons. Arċisqof laqa' dik it-talba u kiseb dak li kien mixtieq. Għalhekk, jistħoqq kull tifħir lill-maħbub Isqof Djoċesan u lill-qalbieni Kappillan Gaffiero, u aħna nifirħu mal-Furjaniżi kollha għall-privilleġġ mogħti lilhom". [29]

L-erezzjoni tal-parroċċa ma kenitx ilha li saret ħlief 25 sena. In-nies tal-Floriana ferħu. Kien hemm ħafna briju għall-fatt li t-titlu ġie mogħti fi żmien daqshekk qasir. [30] Dan it-titlu ġab il-għira ta' parroċċi antiki, bħalma kienu n-Naxxar, il-Gudja, u ż-Żurrieq.

**SOLENNITÀ TAL-FESTA**

F'dak iż-żmien ta' Gaffiero, il-Fujaniżi kienu qed juru esternament wkoll kemm kienu jħobbu l-knisja parrokkjali. Is-sena 1874, meta Gaffiero kien wasal fl-aħħar żmien tiegħu fil-Floriana, hi xiehda ta' kemm kienu qed ikunu kbar iċ-ċelebrazzjonijiet ta' żmien il-festa titulari. Kien hemm, mhux biss mużiċisti u kantanti mill-aqwa taħt id-direzzjoni tal-Maestro Buġeja, imma wkoll funzjonijiet bi predikaturi magħrufin. Il-purċissjoni kienet l-

aqwa mument tal-festa. Minbarra l-fratellanzi, kienu jieħdu sehem ħafna qassisin, kappillani u arċiprieti, li kienu jiġu mistednin mill-Arċipriet Gaffiero. Il-logħob tan-nar, l-armar, u sinjali oħrajn ta' ferħ issoktaw ikabbru l-festa. Fis-sena 1874, iżżanżnet ukoll opra li kompliet iżżejjen il-knisja. Sar it-tużell minn *Aristide Bonnici*; dan sebbaħ il-presbiterju fil-għoli 'l fuq mill-altar maġġur. F'dik is-sena, ħadet sehem ukoll il-banda *Vilhena*, li kienet għadha kif twaqqfet, u li dwarha se jinkiteb. [31]

Tul l-aħħar sena ta' Gaffiero fil-Floriana, in-negozjant Pietru-Pawl Galea (missier is-Sur Fons. M. Galea) ġieb f'Malta statwa tal-Madonna ta' Lourdes, li aktarx li kienet l-ewwel waħda ta' gżiritna. Kien hemm il-ħsieb li titqiegħed fil-knisja viċendarja ta' Stella Maris f'Tas-Sliema. [32] L-istatwa għamlet xi żmien fil-knisja arċipretali tal-Floriana. Billi ma kienx hemm qbil dwar f'liema knisja kellha titħalla, il-familja Galea ddeċidiet li tħalliha fil-Floriana. [33] L-istatwa tpoġġiet f'niċċa tal-ħġieġ fuq l-altar fil-kappellun tal-Kuċifiss. Minn dak iż-żmien, il-kappellun beda jissejjaħ *Ta' Lourdes*. Irrakkuntaw xi fejqan li deher mirakuluż b'rabta ma' dik l-istatwa. Ingħad li, fost l-oħrajn, fieqet Ġanna Cordina, li kienet ilha magħtuba minn mindu kellha 12-il sena. Dik l-istatwa nqerdet fil-gwerra, meta sar il-bumbardament fuq il-knisja. [34]

## 1874 : IS-SOĊJETÀ FILARMONIKA VILHENA

Lejn l-aħħar żmien ta' Gaffiero, twaqqfet uffiċċjalment, fil-bidu ta' l-1874, is-*Soċjetà Filarmonika Vilhena - Floriana*. Bħala l-ewwel president kellha lin-negozjant Baldassarre Portanier. Miegħu kellu kumitat magħżul minn fost l-aħjar nies tal-Floriana. Ftit kien hawn għaqdiet mużikali f'dak iż-żmien. [35] Madankollu, diġà kienet teżisti għaqda mużikali komposta minn dilettanti magħrufa bħala l-*Banda tal-Furjana*, u kellha bħala surmast tagħha lil ċertu Karmnu Farrugia. Imma ma kellhiex każin. [36] Fl-1864, ġie ppubblikat li Banda Florjaniża hadet sehem fil-festi li kienu saru fil-Floriana f'ġieħ il-Beatu Beneditt minn Urbino, saċerdot Kapuċċin. [37] Dan kien għadu kif ġie ddikjarat beatu fl-1867 mill-Papa Piju IX. [38] L-ewwel każin tal-banda kien f'Villa San Kalċidonju, quddiem il-ġonna botaniċi ta' l-Argotti. Imma l-każin biddel postu diversi darbi. Iż-żminijiet iqallbu kollox: xi drabi għall-aħjar u darbi oħra għall-agħar. Ħafna iżjed tard, każin li kien fi Triq il-Miratur, fl-1943, ġarrab ħsarat kbar f'bumbardamenti fil-gwerra. Is-soċjetà tilfet, dik id-darba, ħafna dokumenti. Kien hemm imbagħad każin temporanju fi Pjazza Sant' Anna. Imma, fi żmien sena, is-soċjetà akkwistat mill-ġdid każin għaliha fi Triq il-Kapuċċini, li ġie inawgurat fis-26 ta' Novembru 1949. Fl-1950, il-każin ġie trasferit għal Triq Sant' Anna. [39]

> "L-EREZZJONI TAL-PARROĊĊA MA KENITX ILHA LI SARET ĦLIEF 25 SENA. IN-NIES TAL-FLORIANA FERĦU"

Fl-istess żmien tal-bidu tal-banda *Vilhena*, il-Floriana kellha saċerdot li kien magħruf bħala mużiċist. Kien jismu *Dun Lwiġi Barbera* (1846-1916). Il-parroċċa tal-Floriana gawdietu xi ftit għax kien l-organista tal-knisja. Kien magħruf iżjed 'il barra minn Malta : fl-Italja u l-Ingilterra. Għall-ħila tiegħu sejħulu *Il piccolo Liszt*. Minbarra d-dottorat fit-Teoloġija u l-Filosofija, lilu tawh it-titlu onorifiku ta' Kavallier. [40] L-ewwel surmast ta' banda li bdiet torganizza ruħha kien *Maestro Giuseppe Borg*. Dan ħa l-inkarigu minghad is-surmast proviżorju li nistgħu nsejħulu ta' qabel il-bidu li kien Karmnu Farrugia. [41]



## L-ARĊIPRIET LI SAR ISQOF

Meta twaqqfet il-Banda Vilhena, l-Arċipriet Dun Salv Gaffiero kien wasal biex itemm il-ħidma tiegħu fil-Floriana. L-awtoritajiet tal-Knisja baqgħu jitfgħu għajnejhom fuq Gaffiero għaliex deher bħala wieħed mill-aħjar saċerdoti tad-djoċesi. Għal din ir-raġuni, Gaffiero ma tħalliex fit-tul fil-Floriana. Hu mexxa l-parroċċa għal seba' snin u nofs. Ġie deskritt bħala ħaddiem ħabrieki u predikatur ta' ħila.

Il-Floriana apprezzat u ħabbet lil Dun Salv Gaffiero: l-ewwel Arċipriet tagħha. Billi kien saċerdot li kulħadd ammirah, ma kienx possibbli li Gaffiero jibqa' tal-Floriana biss.



**Triq Pietro Floriani**

Fit-30 ta' Lulju 1875, Gaffiero ġie magħżul bħala Monsinjur tal-Katidral. Kien, għall-ewwel, il-koġitur ta' Mons. Ludovik Mifsud Tommasi (li nafu kemm kien imxennaq li jkun l-ewwel Kappillan tal-Floriana). [42] Meta ma kienx għadu Monsinjur koġitur tal-Katidral, imma effettiv, fl-1885, l-Isqof Kapuċċin Mons. Anton Buhagiar, li kien l-Amministrattur Appostoliku tad-djoċesi, ħatru bħala vigarju-ġenerali tad-djoċesi. Hu fdalu f'idejh il-kura tal-monasteri tas-sorijiet kollha ta' Malta. Għall-ħidma pastorali tiegħu, il-Papa Ljuni XIII ħatru Prelat Domestiku. L-Arċisqof Pietru Pace rrikmandah mal-Papa biex jagħtihulu bħala Isqof Awżiljarju għad-djoċesi ta' Matla. Il-Papa, fl-1898, innominah Isqof titulari ta' Silimbrija, u ġie kkonsagrat Isqof fil-15 ta' Jannar 1899. [43] Dam ħaj kważi tmien snin bħala Isqof. Hu amminsitra l-Griżma ta' l-Isqof fil-parroċċi kollha. L-Isqof Gaffiero baqa' jħobb lill-Floriana u għażel li, bħala Isqof jibqa' jgħix fiha f'nru. 19 Piazza Maggiore (illum Triq Pietro Floriani). Il-kuċċier tal-kaless ta' l-isqof kien Mikiel Vassallo. Id-dar baqgħet teżisti, għalkemm żdidulha xi sulari; iżda l-parti t'isfel baqgħet l-istess; wara l-kantuniera, għadu jidher il-post fejn Gaffiero kien iżomm il-kaless. Fl-1903, hu kompla l-viżta pastorali li kienet inbdiet mill-Arċisqof Pietru Pace. [44] Asssta ma' Mons. Pace fl-inkoronazzjonijiet li saru f'dak iż-żmien bħalma kienu dawk tal-Madonna tal-Mellieħa u ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla. [45]



**Bini fi Triq Pietro Floriani**

Wara mawra fi Sqallija, l-isqof Gaffero, malli wasal lura f'Malta beda jħoss għafis f'sidru, li kien sinjal ta' attakk imminenti tal-qalb. Fil-bidu ta' Diċembru 1906, lil dan l-Isqof twajjeb u għaref tah attakk tal-qalb qawwi fi żmien meta hu kien qed jistrieħ f'dar tal-villeġġjatura li kellu fi Triq Gwardamanġa f'Tal-Pietà. Hu ġie assistit waqt l-agunija minn Mons. Caruana Dingli. Kienu qrib tiegħu fl-aħħar ta' hajtu niesu u bosta ħbieb. Hu miet f'dik id-dar, qrib l-età ta' 78 sena, fid-9.30 ta' bil-lejl tat-8 ta' Diċembru 1906. Minn dik id-dar, il-ġisem tiegħu ittieħed fil-knisja tal-Vitorja tal-Belt, minfejn fil-11 tax-xahar sar korteo funebri solenni lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann, għar-rit liturġiku ta' l-aħħar tislima. F'dak il-korteo, ħadu sehem il-Kapitlu tal-Katidral ta' Matla, bosta qassisin, u patrijiet ta' kull Ordni. Kien hemm fuq wara l-fjur ta' l-aristokrazija ta' Malta flimkien ma' numru kbir ta' Maltin. L-Armirall u l-Ġeneral tat-truppi kienu rappreżentanti. Imbagħad, filgħaxija, ittieħed fil-Katidral ta' Malta fl-Imdina, u ndifen fil-qabar nru.38. [46] Minbarra li naraw pittura tiegħu fil-parroċċa tal-Floriana, pittura oħra tiegħu tinstab fil-Kolleġġjata ta' l-Isla u fil-parroċċa ta' Ħal Għargħur. [47]

Riferenzi


1. C.E.M., Con., 10, Floriana, F.28 r-v.
2. Ib., f.294r.
3. AAM, Kanċ., Floriana, G. Pace Forno - Gaffiero.
4. APS, Bapt., IX, f. 16
5. S. Ritzler - P. Sefrin, Hierarchia Catholica, VIII, Padova, 1978, 512; Alex. Bonnici, L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina, III, Parroċċa ta' l-Isla, 1991, 192
6. CEM, Con., 11 (Gargur), f. 233r.
7. AAM, Canonicati Senglea, 1833-56, f. 167r.
8. ACS, AC, 1841-62, ff. 1, 6, 21 u f'postijiet oħrajn.
9. CEM, Con., 10, Floriana, f.304r.
10. Ib.



11. Ib., RO, 1818-57, f.90v.
12. Ib.,m Con., 11, Għargħur, f.233r-v; Alex, Bonnici, L-Isla, III, 1991, 193.
13. Ib., Con., 10, f. 304r.
14. Ib., 304-05 Bonnici, o.c., 193-94.
15 Francis Pace, Il-Gargur, 2000, 148-49.
16. CEM, Con., 10, f. 303v; ara Paul Cassar, Medical History of Malta, 1964, 201-204.
17. AAM, Kanċ., Floriana, Pace Forno - Gaffiero, 18.02.1868.
18. Ib., 22.02.1868.
19. Ib., 28.02.1868.
20. APF, Magħ., III (1867-76), f.18, n.55.
21. Luigi Farrugia, Nei solenni funerali di Mons. Salv Gaffiero nel di 19 gennaio 1907, Senglea, 1907, 23-24; Winston L., Zammit, "Dun Salv GaffieroL Arċipriet li sar Isqof", Furjana, IV, nn. 28-29, 1984, 9-10.
22. L'Ordine, 26.11.1868, 19.08.1869; W.L. Zammit, l.c.
23. AAM, Suppliche, 1868, ff. 430r-439r; W.L. Zammit, l.c., 9-10; Id., "It-twaqqif tal-Fratellanza San Ġużepp fil-parroċċa tal-Furjana", Furjana, IV, n. 17, 1982, 8.
24. L'Ordine, 8.04.1869.
25. Anthony Piscopo, "Dawra fil-Knisja fil-jiem tal-Festa", Programm Festa 1996, 15.
26. Freddie Tonna, "Mill-Memorji ta' Anzjan", Programm Festa, 2005, 48.
27. APF., Magħ., III (1867-76), f. 86.
28. Ib., f.95.
29. L'Ordine, 23.12.1869.
30. W.L. Zammit l.c., 9; E.S. Tonna, "120 sena Arċipretali", Programm Festa, 1989, 7; Alex Bonnici, L-Isla, III, 194.
31. La Smascheratore, 25.04.1874; David Torpiano, "Il-Festa ta' San Publju fl-1874", Programm Festa, 2004, 45-48; E.S. Tonna, "Welcome to St. Publius Church", Programm Festa, 1991, 31.
32. La Croce di Malta, 6-8 maggio 1874; Id-Devot ta' Marija, IV, 1890, 132-133.
33. A. Agius, Il-Furjana, I, n.6.
34. Franġisku Azopardi ofm cap., "L-istatwa ta' Madonna ta' Lourdes fil-Furjana" Programm Festa, 1998, 35.
35. Simon A. Bonello, "Is-Soċjetà Filarmonika Vilhena", L-istorja tal-każini tal-Baned f'Malta u Għawdex", PIN, II, 1997, 41; "Is-Soċjetà Filarmonika Vilehan u s-sehem tagħha fil-festa",Programm Festa, 1999, 65-69.
36. President, "Twaqqif tal-banda Vilhena", Furjana, II, n.33, 1968, 3.
37. L-Ordine, 1.11.1864.
38. Dwar il-beatu Beneditt minn Urbino, ara Bonaventura d'Arenzano, "Benedetto da Urbino", Bibliotheca Sactorum,
II, Città Nuova, III ed., 1998, 1189-1193.
39. Ara wkoll M.A. Delia, "Il-Banda Vilhena", Furjana, II, n.35. 1968, 2 u 8; "Iċ-Ċentinarju tal-Banda Vilhena", Ib., III, n. 22, 1974, 3+5+6.
40. Salv E. Mousù, "kav. Luigi Barbera D.D., Ph. D." Furjana I, n. 8, 6
41. Ara S.A. Bonello, l.c., 42.
42. Ara CEM, Con., 10, n. 1, f.2r.
43. ASV, Secr. Brev., 6118, ff. 70-73; 6128, ff. 490-492; Proc. Cons., 289, n.56; Secr. Status, an. 1899, rubr, 283, n. 49, 266; R. Ritzler - P. Sefrin, Hierarchia Catholica, VIII (1846-1903), Mess. S. Antonio, Padova, 1978, 512.
44. E.S. Tonna, "120 sena Arċipretali", Programm Festa 1989, 7; din il-kitba fiha xi ineżattezzi għax il-laqam Prelat kien ta' Mons. Ġużepp Caruana Dingli, li kien joqgħod il-Floriana u miet hemm fid-19 ta' Mejju 1913: APF, Mejtin, III, f. 494.
45. Alex Bonnici, Kwadri u Statwi Inkurunati f'Malta u Għawdex, PEG, 2003, 39-53.
46. APF, Mejtin, III (1891-1919), ff. 360-361; ara wkoll "Mons. D. Salv Gaffiero", Id-Devot ta' Marija, Għawdex, Jannar 1907, 14.
47. Għat-tagħrif essenzjali dwar Gaffiero, ara ASV, Secr. Brev., 6128, ff, 490-492; Proc. Cons., 289, n. 56; Ritzler - Sefrin, Hierarchia Catholica, VIII, (1846-1903), 512; AB, "Gaffiero Salvatore", Maltese Biographies of the twentieth Cen tury, PIN, 1997, 284; Alex Bonnici, L-Isla, III, 1991, 192-196; W.L. Zammit, l.c., 9-10; Tony Terribile, "Dun Salv Gaffiero: Minn Arċipriet tal-Floriana għal Isqof", Programm Festa, 2000, 68.

**ABBREVJAZZJONIJIET**

| | |
|---|---|
| AAM: | Arkivju Arċiveskovili (Floriana) Malta |
| AC : | Acta Capitularia |
| ACS : | Arkivju tal-Kolleġġjata, Senglea |
| APF : | Arkivju Parrokkjali Floriana |
| APS : | Arkivju Parrokkjali, Senglea |
| ASV : | Arkivju Sigriet tal-Vatikan |
| CEM : | Curia Episcopalis Melitensis |
| Con. : | Concursus |
| Ib. : | Ibidem (fl-istess post) |
| Kanċ : | Kanċellerija |
| l.c. : | locus citatus |
| Magħ.: | Magħmudijiet |
| Proc. Cons. : | Proċessi Konsistorjali |
| RO : | Reġistru ta' l-Ordinazzjonijiet |
| Secr. Brev. : | Segreterija tal-Brevi |
| Secr. Status : | Segreterija ta' l-Istat |